Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2089

2.8.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2089**

**tal-31 ta' Lulju 2024**

**li tikkonferma l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat in-notifika mill-Irlanda dwar ix-xewqa tagħha li taċċetta u tkun marbuta bir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1348 ġie adottat fl-14 ta' Mejju 2024 u daħal fis-seħħ fl-11 ta' Ġunju 2024. Id-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom japplikaw mit-12 ta' Ġunju 2026.

(2) Permezz ta' ittra tas-27 ta' Ġunju 2024, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li taċċetta u tkun marbuta bir-Regolament (UE) 2024/1348.

(3) Jeħtieġ li l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2024/1348 għalhekk tiġi kkonfermata.

(4) Sabiex jiġi żgurat li l-parteċipazzjoni tal-Irlanda tkun tista' titqies fl-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1348, fir-rigward tal-istabbiliment tal-kapaċità adegwata tal-Istati Membri u l-għadd massimu ta' applikazzjonijiet li Stat Membru huwa meħtieġ jeżamina fil-proċedura fuq il-fruntiera kull sena, li għandhom jiġu adottati f'konformità mal-perjodi ta' żmien speċifiċi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1348, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun.

(5) Ma hemm l-ebda kundizzjoni speċifika marbuta mal-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2024/1348 u l-ebda miżura tranżitorja mhi meħtieġa,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2024/1348 hija kkonfermata.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L, 2024/1348, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj.